KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 61/7/194/19

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 61

*L-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Steven Axisa-*Viċi Sindku*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-Kunsillier<br>Ivan Bartolo-Kunsillier |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsillieri Spiteri, Seychell u Bartolo talbu biex ikun skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 60 ġew approvati *nem com.*

2.2. Fuq punt nr. il-Kunsillier Lynch staqsa dwar il-kuntratt mal-ħaddiema residenti fil-faċilita korrettiva ta' Kordin. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-ftehim kien iffirmat ġie fis-seħħ minn Mejju.

2.3. Il-Viċi Sindku staqsa dwar l-andament tax-xogħol tal-Pjazza. Is-Segretarju informa lil membri illi s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali f'email assuma ir-responsabiltà tax-xogħolijiet li għad fadal isiru fil-Pjazza. Dwar il-funtani is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li l-ġibjun tnaddaf wara li kien hemm ħafna ħama u ħmieġ.

2.4. Fi tmiem il-laqgħa is-Sindku irringrazzja lil membri illi servew f'din il-leġislatura speċjalment dawk li kienu qed itemmu il-ħidma tagħhom fil-Kunsill Lokali Paola. Huwa kompla li iħares 'il quddiem sabiex tibda leġislatura oħra ta' ħidma intensiva b'risq il-lokalita.

2.5. Il-Laqgħa spiċċat fis-6.05pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |